**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Novembru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Supretendent Alexandra Mamo**
**Spettur Helga Debono)**

**Vs**

**ANTHONY GOVE'**
**LEO GOVE'**
**ERIC BALDACCHINO**

Kump Nru 269/2004

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Anthony Gove'** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 672443(M), **Leo Gove'** detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 216781(M), **Eric Baldacchino** Pieta' fit-3 ta' Gunju 1975 u residenti numru 58, Good Sheperd Avenue, Balzan, detentur tal-karta tal-identia bin-numru 273375(M) gew akkuzat talli fit-23 ta' Marzu 2004 u fix-xhur ta' qabel, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar u f'hinijiet ohra,

fil-Qawra, u cioe' gewwa l-fond Knights Bar, li jinstab fi Triq it-Turisti, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulia b'rizoluzzjoni wahda:

1. Mil-fond Knights Bar, ghall-liema fond m'ghandhomx licenzja taht l-Att dwar il-Loghob, tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor, jew bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Loghob jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar il-Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'xi licenzja mahruga taht l-Att dwar il-Loghob, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus, jew ippermettew l-uzu ta' xi post u cioe l-fond Knights Bar li jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra, jew inkoraggew, dik il-loghba, jew ghalkemm ma kienux qieghdin jiehdu sehem f'xi loghba illegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik; jew li kienu prezenti filwaqt li kienet qeghada ssir xi loghba bhal dik u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46(1) tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ghamlu jew geghlu li jsir xi reklam li jkun jgharraf lill-pubblku li xi fond f'Malta u cioe' Knights Bar jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra li huwa fond, li fih qed isir jew kien se jsir il-loghob bhal Kazino' bi ksur ra' l-Artikolu 49(1) (a) tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi fethu u haddmu kazino u cioe' mill-fond Knights Bar li jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra, minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita dwar il-loghob u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi zammew u haddmu magni tal-loghob gewwa l-imsemmi fond, Knights Bar li jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra, minghajr l-Awtorita' bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Avviz Legali numru 43 ta' l-1988;

5. Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi operaw, ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fl-imsemmi fond u cioe, Knights Bar li jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra, jew b'xi mod ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob fuq ir-rizultati ta' xi loghob li kien legittimament organizzat barra minn Malta u dan minghajr l-approvazzjoni bil-quddiem u bil-miktub tal-Awtorita' kkoncernata u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Lotteriji u Loghob iehor Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi, barra mill-kazijiet imsemmijin espressament fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew f'ligi ohra, ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti, meta din il-licenzja kienet mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(gg) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi, ghamlu jew ippruvaw jaghmli jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-ghemil ta' xi mhatra maghduda, imhatra li ghandha x'taqsam ma' xi loghba, sport jew grajja f'Malta jew xi mkien iehor; jew li kienu prezenti f'xi post fejn kienet qed issir x'imhatra bhal dik u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi, iggestew il-fond Knights Bar li jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra, bhala post kummercjali minghajr il-licenzja tal-awtorita' kompetenti, dan bi ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil **Anthony Gove'** wahdu talli:

9. Fit-23 ta' Marzu 2004 u fil-jiem ta' qabel, ghall-habta tat-3:00 pm u f'hinijet diversi fil-fond Knights Bar, li jinstab fi Triq it-Turisti, Qawra, bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-fond Knights Bar, ippermetta lil Joe Sciberras, Leo Gove' u Eric Baldacchino li jaghmluha ta' *substitute* minghajr il-licenzja

mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-Wine and Spirit Licence L.N. 392 tal-1929 Artikolu 18.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna r-revoka tal-licenzji mahruga fuq il-fond Knights Bar, li jinsab fi Triq it-Turisti, Qawra, kif wkoll licenzji ohra li l-persuni imsemmija jista' jkollhom fuq isimhom.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsensi ta` l-Avukat Generali, skond l-Artikolu 48 ta' l-Att X tal-1998 (Kapitolu 400) u dan riferibbilment ghat-tlett imputati li llum jinsabu *a folios* 21, 22 u 23.

**Ikkunsidrat;**

**Osservazzjoniji Preliminari**

Jehtieg li ssir parentezi zghira u generali dwar id-dewmien li ha dan il-process. Diversi fatturi kkontribwew ghal dan il-fatt, fosthom izda mhux biss, il-fatt li fit-12 ta` Lulju 2004, l-atti ta` din il-kawza, jew parti minnhom, flimkien ma hafna ohrajn, kienu gew distrutti minhabba nirien li hakmu l-awla fejn kienu qed jinzammu u naturalment, ir-rikostruzzjoni tal-process li kienet ordnata fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2005 kienet necessarjament ser tiehu z-zmien.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti fliet l-atti u tara illi, wara d-distuzzjoni tal-process minhabba l-hruq kif gia' intqal, u wara l-ordni ghar-rikostruzzjoni gia' msemmija, fl-atti processwali ma hemm

**xejn** hlief ic-certifikati tat-twelid u l-fedini penali rispettivi tat-tlett imputati f'din il-kawza u wkoll verbali tas-seduti mizmuma. Fil-process ma hemm ebda depozizzjoni ta' xi xhud.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi, minkejja d-diffikultajiet li gab mieghu l-fatt tad-distruzzjoni minhabba hruq tal-process, u minkejja li dan ma hu tort la tal-Qorti, la tal-Prosekuzzjoni u lanqas tad-Difiza, ma tistghax tippermetti aktar tul fi process li ma fih assolutament xejn u meta l-akkuzi u l-bidu tal-proceduri jirrisalu ghall-Marzu 2004.

Certament illi t-trapass taz-zmien u c-cirkostanzi partikolari li laqtu lil dan il-process qatt ma jistghu jippermettu li jintlahaq l-ghan tal-gustizzja.

Jinghad x'jinghad, f'dan il-process ma hemm ebda provi li a bazi taghhom tista tinstab xi forma ta' htija.

**Decide.**

**Ghall mottivi premessi l-Qorti ssib u tiddikjara lil Anthony Gove', Leo Gove' u Eric Baldacchino mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u minnhom tilliberhom skond il-Ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur